**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can) Ph.D**

**Appell Nru: 90 / 2017**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Roy Joseph Cremona**

Illum 25 ta' Mejju, 2023.

Il-Qorti,

Rat illi l-appellanti, Roy Joseph Cremona detenur tal-karta tal-identita Maltija 126487 M, gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana;

a. F fit-30 ta' Jannar, 2008 wara tfittxija li saret minn ufficcjal tal- pulizija fil-vettura tal-ghamla Peugeot 405 bin-numru ta' registrazzjoni CIG 004 ta' l-istess Roy Joseph Cremona gewwa l- Belt Valletta fil-vicinanzi tat-Ttelgha tal-Kurcifiss instab li xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew depozitat ghandu u/jew kif ukoll kellu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrib jew habi ta' sigaretti bla dazju fi kwantita kif deskritta hawn taht;

Sigaretti misjuba fil-vettura CIG 004: 4 kaxxi b'50 kartuna kull kaxxa b'200 sigarett kull kartuna tal-marka Rothmans Blue.

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma projbiti u/jew ristretti u/jew limitati ghandhom b'valur ta' €913.20, dazju ta' importazzjoni ta' €526.00 dazju tas-Sisa ta' €4,380.80 u taxxa fuq il-cvalur mizjud ta' €1,047.60 fejn liema Dazji u Taxxa ma kienux gew imhallsa u/jew kawtelati.

Gie ukoll akkuzat talli fuq talba tal-Kontrollur tal-Value Added Tax;

b. Fit-30 ta' Jannar 2008 wara tfittxija li saret minn ufficcjal tal- pulizija fil-vettura Peugeot 405 bin-numru ta' registrazzjoni CIG 004 ta' l-istess Roy Joseph Cremona gewwa l-Belt Valletta fil- vicinanzi tat-Telgha tal-Kurcifiss instab li xjentement kellu fil- pussess tieghu u/jew depositati ghandu u/jew ukoll kellu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrib jew habi ta' sigaretti bla dazzju fi kwantita kif deskritta hawn taht;

Sigaretti misjuba fil-vettura numru CIG 004 4 kaxxi b'50 kartuna kul kaxxa b'200 sigarett f'kul kartuna tal-marka Rothmans Blue.

Dawn is-sigaretti li l-importazzjoi u l-pusess taghhom huma projbiti u/jew ristretti u/jew limitati ghandhom b'valur ta' €913.20, dazju ta' importazzjoni ta' €526.00 dazju tas-Sisa ta' €4,380.80 u taxxa fuq il-valur mizjud ta' €1,047.60 fejn liema Dazzju u Taxxa ma kienux gew imhalsa u/jew kawtelati;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-20 ta' Frar, 2023, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17 u 31 tal- Kapitolu 9, l-Artikoli 60(a)(b)(c)(k) 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) paragrafu (a) tal-proviso tal-Artikolu 62, 68(1), 69(1)(2) tal-Ordinanza tad- Dwana, Kapitolu 37, l-Artikoli 16(1)(i), 17(a) r-Regolament 7 tat- Taqsima C fis-sitt skeda, tal-Att dwar Dazju tas-Sisa Kapitolu 382, u I-Artikolu 80 ta' l-Att XXIII ta l-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap 406),

ilkoll tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Roy Joseph Cremona, hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u:

1. Kkundanatu ghal sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghall- sentejn bis-sahha ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. 9;

2. Kkundanatu ukoll ghall-hlas ta' multa fis-somma ta' €14,720.40 li terz minnha ossia €4,906.80 huma pagabbli minnufih bhala dejn civili lid-Direttur Generali (Dwana), u l- bilanc ossia €9,813.60 thallas skond il-ligi;

3. Ordnat wkoll il-konfiska skond il-ligi tas-segwenti:

A. tas-sigaretti/tabakk esebiti w indikati fin-nota ta' Qbid 191/2008; u

B. tal-vettura CIG 004 tal-ghamla Peugeot 405 esebita w indikata fin-nota ta' Qbid 192/2008;

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Roy Joseph Cremona, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-3 ta' Marzu, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka din is-sentenza u tilliberah minn kull htija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellant Roy Joseph Cremona li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

Illi Roy Joseph Cremona tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti ta' gudikatura akkuzat talli, fit-30 ta' Jannar, 2008, gewwa l-Belt Valletta, fil-vicinanzi

tat-telgha tal-Kurcifiss, wara tfittxija li saret minn ufficcjali tal-pulizija fil-vettura Peugeot 405 bin-numru ta' registrazzjoni CIG-004, proprjeta` tieghu:

(a) [fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana] instab li xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew depozitati ghandu u/jew kellu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrib jew habi ta' sigaretti bla dazju, fi kwantita` kif deskritta hawn taht:

Sigaretti misjuba fil-vettura CIG-004: 4 kaxxi b'50 kartuna kull kaxxa, b'200 sigarett kull kartuna tal-marka Rothmans Blue.

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma pprojbiti u/jew ristretti u/jew limitati, ghandhom, b'valur ta' €913.20, dazju ta' importazzjoni ta' €526.00, dazju tas-sisa ta' €4,380.80, u taxxa fuq il-valur mizjud ta' €1,047.60, fejn liema Dazji u Taxxa ma kienux gew imhallsa u/jew kawtelati.

(b) [fuq talba tal-Kontrollur tal-*Value Added Tax*] instab li xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew depozitati ghandu u/jew kellu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrib jew habi ta' sigaretti bla dazju, fi kwantita` kif deskritta hawn taht:

Sigaretti misjuba fil-vettura numru CIG-004: 4 kaxxi b'50 kartuna kul kaxxa, b'200 sigarett f'kull kartuna tal-marka Rothmans Blue.

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma pprojbiti u/jew ristretti u/jew limitati, ghandhom, b'valur ta' €913.20, dazju ta' importazzjoni ta' €526.00, dazju tas-sisa ta' €4,380.80, u taxxa fuq il-valur mizjud ta' €1,047.60, fejn liema Dazji u Taxxa ma kienux gew imhallsa u/jew kawtelati.

Illi b'sentenza ta' l-20 ta' Frar, 2023, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti ta' gudikatura kriminali sabet lill-esponent hati ta' l-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghall-sentejn (2) u, ukoll, ghal multa ta' € 14,720.40[1]. Inoltre l-Qorti ordnat il-konfiska tas-sigaretti/tabakk meritu tal-kawza u tal-vettura ta' l-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni CIG-004.

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Fiz-zmien tar-reati allegati l-esponent kien jiggestixxi *snack bar* fix-xatt tal-Belt. Fit-30 ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008), peress li kellu l-vettura pparkjata fit-telgha tal-Kurcifiss fil-vicinanzi, l-esponent offra lill habib tieghu, certu Anton Mallia, sabiex igorr xi kaxxi tas-sigaretti. Irrizulta li l-Pulizija ta' l-Iskwadra kontra d-Droga inzertaw ircevew informazzjoni li kienet ser issir xi *deal* tad-droga f'dawk l-akkwati. Meta dawn accedew fuq il-post sabu lil Mallia jghabbi l-kaxxi fil-vettura ta' l-esponent. Huma gew arrestati u mehuda fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija sabiex jigu interrogati. L-esponent innega kwalsiasi involviment ma' kuntrabbandu u kkonferma li s-sigaretti kienu ta' Mallia u kien biss ser jghinu sabiex igorrhom.

Illi fuq talbiet tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kontrollur tal-*Value Added Tax* l-esponent gie eventwalment akkuzat kif premess.

Illi l-*iter* processwali ta' din il-kawza, li kif inghad tirrisali ghas-sena elfejn u tmienja (2008), kien wiehed pjuttost tortwuz ghall-esponent. Fl-1 ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) il-Qorti tal-Magistrati kienet tat sentenza dwar fatti li kienu jirriflettu l-allegat involviment ta' Anton Mallia u mhux ta' l-esponent. Wara li l-Avukat Generali gustament appella minn dik is-sentenza, il-partijiet qablu li s-sentenza kienet nulla u din l-Onorabbli Qorti, b'sentenza moghtija fit-30 ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019), ordnat lir-Registratur sabiex jerga' jibghat l-atti lill-Qorti tal-

Magistrati sabiex tgharbel il-provi b'referenza ghall-kaz ta' l-esponent u tiddeciedi fil-meritu skond il-ligi.

Illi meta l-partijiet regghu deherhu quddiem il-Qorti tal-Magistrati, diversament presjeduta, huma ezentaw lil dik il-Qorti milli terga' tisma' l-provi u ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom mill-gdid. Kif gja` nghad il-kawza giet deciza fl-20 ta' Frar tas-sena elfejn tlieta u ghoxrin (2023).

Illi b'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti moghtija fil-25 ta' Gunju, 2020, Anton Mallia gie lliberat mill-akkuzi migjuba kontra tieghu peress li ma kienitx saret il-prova li s-sigaretti meritu tal-kaz ma kienux dazjati.

Illi l-aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-Qorti tal-Magistrati, fis-sentenza appellata, iddeterminat il-meritu a bazi ta' difiza li allegatament inghatat mill-esponent meta, fil-fatt, dik id-difiza, li giet addirittura elaborata mill-Qorti, qatt ma nghatat minnu, ossia mid-difensur tieghu. Il-Qorti rriteniet li fid-difiza tieghu l-esponent sostna, *inter alia*, li l-oggetti mertu tal-kawza ma kienux sigaretti. Dan ma huwiex korrett. B'hekk id-difiza ta' l-esponent ma nghatat ebda konsiderazzjoni.

Illi s-sottomissjonijiet tad-difiza kienu, *inter alia*, fis-sens li qatt ma saret il-prova li s-sigaretti kienu zdazjati, fatt konfermat minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza msemmija iktar 'il fuq moghtija fil-konfront ta' Anton Mallia. Ta' min jghid li meta xehedu r-rapprezentanti tad-Dwana, iz-zewg kawzi, ghalkemm separati, kienu qed jinstemghu kontestwalment. Id-difiza qatt ma kkontestat il-fatt li l-oggetti meritu tal-kawza kienu sigaretti tant li, fl-istqarrija u fix-xiehda tieghu, l-esponent ikkonferma li meta gew intercettati mill-Pulizija hu kien qed jghin lil Mallia igorr xi kaxxi tas-sigaretti. Tali prova saret ukoll mix-xhud Carmel Sammut.

Illi l-Qorti tal-Magistrati, fis-sentenza appellata, wara li osservat li l-versjoni moghtija mill-esponent ma kienitx kredibbli, fatt li l-esponent ma jaqbilx mieghu, sostniet b'mod skorrett li d-difiza kienet issottomettiet li l-prova fattwali dwar is-sigaretti ma kienitx saret a sodisfazzjon tal-ligi fi procedimenti kriminali. Qalet ukoll li, in sostenn ta' din is-sottomissjoni, id-difiza ghamlet referenza ghal tlett sentenzi ta' din l-Onorabbli Qorti, fosthom wahda li nghatat fil-5 ta' April tas-sena elfejn tnejn u ghoxrin (2022), u cioe` kwazi sitt (6) xhur wara li kienu saru s-sottomissjonijiet finali ta' l-esponent fit-18 ta' Ottubru tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021)!

Illi l-Qorti tal-Magistrati addirittura kkontestat sentenzi ta' din l-Onorabbli Qorti li huma *toto caelo* irrelevanti ghas-soluzzjoni tal-vertenza mqajjma mill-esponent fis-sottomissjonijiet finali tieghu. Jinghad bl-akbar rispett li kawza ta' persuna li damet sittax-il sena tistenna gudizzju korrett, u fejn il-procedura twalet b'xejn inqas minn sitt (6) snin minhabba zball tal-Qorti, kienet timmerita daqsxejn iktar attenzjoni. U kwalunkwe nuqqas ta' qbil mas-sentenzi ta' din l-Onorabbli Qorti ma kellux jiehu s-soppravvent fuq is-serjeta` tal-proceduri.

Illi l-posizzjoni tad-difiza kienet semplici u cara hafna. Sabiex persuna tinstab hatja ta' reati kontra l-Ordinanza tad-Dwana u reati konnessi il-prosekuzzjoni ghandha necessarjament taghmel il-prova li ma kienx thallas dazju fuq l-oggetti meritu tal-kaz *de quo*. Din hija xi haga elementari ghall-ahhar. Ma tezisti ebda disposizzjoni f'din l-Ordinanza li tghid li galadarba Direttur Generali (Dwana) ghazel li jitlob li jittiehdu proceduri kontra persuna, allura hija dik il-persuna li ghandha l-*oneru* li tipprova l-innocenza taghha.

Illi l-artikolu 77 ta' l-Ordinanza msemmija jghid biss li meta tinqala' kwistjoni dwar jekk id-dazju li jmiss fuq oggett partikolari kienx gie mhallas, jew jekk dawk l-oggetti kienux gew importati jew trasburdati jew zbarkati skont il-ligi, jew dwar il-lok minn fejn kienu gew dawk l-oggetti, f'kull wiehed minn dawn il-kazijiet il-prova tieghu tmiss lill-imputat. Din hija disposizzjoni cara li ftit tippermetti interpretazzjoni. Sabiex jigu spustat l-oneru tal-prova fuq l-imputat trid tkun qamet kwistjoni dwar (i)

jekk id-dazju li jmiss fuq l-oggett *de quo* kienx gie mhallas; jew (ii) jekk dawk l-oggetti kienux gew importati jew trasburdati jew zbarkati skont il-ligi; jew (iii) dwar il-lok minn fejn kienu gew dawk l-oggetti.

Illi f'dan il-kaz ma qamet ebda tali kwistjoni. L-esponent qatt ma allega li d-dazju kien thallas. L-esponent qatt ma allega li l-oggetti kienu gew importati jew trasburdati jew zbarkati skont il-ligi. L-imputat qatt ma qajjem kwistjonijiet dwar il-lok minn fejn kienu gew dawk l-oggetti. L-imputat dejjem sostna li kien qed jghin lil Anton Mallia bil-garr ta' kaxxi tas-sigaretti. Ghalhekk ma kien hemm ebda raguni valida fil-ligi sabiex jigi spostat l-oneru tal-prova u kienet il-prosekuzzjoni li kellha l-obbligu li tipprova l-element krucjali ghall-kaz taghha li ma kienx thallas id-dazju fuq is-sigaretti *de quo*. Hawnhekk kien japplika l-artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili rez applikabbli ghal proceduri kriminali permezz tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 520 tal-Kodici Kriminali, u cioe` li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.

Illi f'dan il-kaz, sabiex isiru l-provi necessarji, il-prosekuzzjoni ghazlet li tipproduci s-segwenti ufficjali in rapprezentanza tad-Dwana:

- **Paul Dimech** xehed dwar il-*letter to prosecute* u n-nota ta' qbid li hargu fil-konfront ta' l-esponent;

- **Carmel Sammut** xehed, *inter alia*, dwar kif saret il-valutazzjoni tas-sigaretti meritu tal-kaz. Qal li ma kellu ebda informazzjoni dwar jekk is-sigaretti kienux tajbin jew *counterfeit* u qal ukoll li l-valutazzjoni saret a bazi ta' sigaretti tajbin. Ghalkemm huwa ra s-sigaretti huwa ma kienx f'posizzjoni jghid jekk id-dazju fuqhom kienx thallas jew le u qal li d-dipartiment tieghu ma jidholx f'dan il-meritu[2];

---

- **John Azzopardi**, li fiz-zmien ta' l-incident kien spettur ta' l-*enforcement* fid-Dwana, spjega, *inter alia*, li xogholu kien biss li jiehu s-sigaretti mill-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghall-*Vaults* tad-Dwana. Ma kellu ebda involviment fl-investigazzjoni ta' l-esponent u ta' Mallia;

- **Brian Grima** spjega li kien assista lil John Azzopardi u ma zied xejn ma' dak li kien qal Azzopardi.

Illi, kif ritenut minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Victor Calleja** *(24.08.1990)*, a tenur ta' l-artikolu 77 ta' l-Ordinanza tad-Dwana, meta fi procediment taht dik il-ligi tinqala' kwistjoni dwar jekk id-dazju fuq oggetti partikolari kienx gie mhallas jew dwar minn fejn jew kif dawn l-oggetti gew akkwistati, il-prova ta' dan taqa' fuq l-imputat. Il-prova li l-prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju. Minn hemm 'il quddiem l-oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat (sottolinear ta' l-esponent). U fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Meilaq** *(05.09.1990)* din l-Onorabbli Qorti rriteniet li l-ispostament ta' l-oneru tal-prova japplika biss f'kaz li l-imputat jaghzel id-difiza kontemplata fl-imsemmi artikolu 77 (sottolinear ta' l-esponent).

Illi ghalhekk kienet korrettissima din l-Onorabbli Qorti meta, fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v Anton Mallia** *(25.06.2020)*, a bazi ta' provi li nstemghu kontestwalment ma' din il-kawza, ikkonkludiet li kienet tirrizulta mankanza serja fil-provi mressqa mill-prosekuzzjoni fis-sens li minn imkien ma gie dikjarat li s-sigaretti meritu tal-kaz ma kienux dazjati. Ghandu jigi rilevat ukoll li fis-sottomissjonijiet verbali tad-difensur ta' l-esponent quddiem il-Qorti tal-Magistrati din kienet l-unika sentenza li saret referenza ghaliha.

Illi wkoll fid-dawl tal-fatt li l-esponent u Mallia gew imwaqqfa minn pulizija stazzjonati f'dipartiment li ma kellu x'jaqsam xejn ma' l-erarju pubbliku, kien

legittimament mistenni mix-xhieda li xehedu ghan-nom tad-Dwana li jispjegaw, almenu sal-grad ta' *prima facie*, ghaliex kienet qed issir l-allegazzjoni li s-sigaretti *de quo* ma kienux dazjati. Din il-prova hija kompletament mankanti fl-atti u l-kredibilita` o meno ta' l-esponent ma setghetx ghalhekk tigi evalwata b'mod komplet u korrett mill-Qorti tal-Magistrati. Ghaldaqstant l-esponent kellu jigi lliberat mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet lill-partijeit jittrataw il-kaz u dan fis-seduta tas-27 ta' April 2023.

**Ikkunsidrat,**

Illi id-difiza issostni li l-appellant qatt ma messu instab hati tal-akkuza kif migjuba kontra tieghu u dan ghaliex l-proskeuzzjonni naqset li tipprova li d-dazzju fuq is-sigaretti ma kienx gie imhallas. Illi din hija d-difiza li ressaq l-appellant pero jghid li l-Ewwel Qorti skartat tali difiza *in toto* u ghaddiet biex issib lill-appellant hati a bazi ta' sottomissjonijeit ohra, liema sottomissjonijeit ma gewx imqanqla mill-partijiet izda *ex ufficcio* mill-Qorti u ghalhekk id-difiza ma kellha opportunita sabiex twiegeb ghal tali posizjoni kif mehuda mill-Ewwel Qorti.

Din il-Qorti ghalhek trid tesamina mill-gdid il-provi prodotti biex tara jekk dak mistqarr mill-appellant hux minnu.Mhemmx dubbju li hu zgur huwa li din il-kawza verament ilha pendenti ghal dawn l-ahhar erbatax-il sena u l-kaz allegtament sehh hmistax-il sena ilu. Dan id-dewmien pero ma jsitax jigi attribwibbli lil din il-Qorti kif preseduta u dan ghaleix l-appell quddiemha gie intavolat nhar it-3 ta' Marzu 2023.

L-allura **Spettur Ian Abdilla** xehed nhar il-5 ta' Lulju, 2014 fejn stqarr li nhar it-30 ta' Jannar 2008 ghall-habta ts-6.00 p.m il-pulizija mis-sezzjoni ta' kontra d-drogi fosthom PS 1086 Johann Micallef, PC 1213 Charlot Casha u WPC 127 Carmen Cauchi kienu marru fuq informazzjoni li kellhom gewwa it-Telgha tal-Kurcifiss ghaliex kellhom informazzjoni li kien hemm zewg persuni li setghu kienu qed jghamlu *deal* tad-droga. Malli l-pulizija resqu fuq dawn iz-zewg persuni sabu li kien hemm zewg vetturi u zewg persuni li kienu qed ihottu xi kaxxi tas-sigaretti suspettati li kienu kuttrabandu. B'kollox instabu li kien hemm hames kaxxi ta' hames mastercases ta' hamsin kartuna l-wahda ta' Rothmans cigarettes. Dawn iz-zewg persuni irrizultaw li kienu l-appellant odjern u Anton Mallia. Dawn gew arrestati u sussegwentment gew mghoddija lilu ghall- aktar investigazzjonijiet.

Mallia kien qallu li waqt li kien go cafeteria gewwa Haz-Zebbug il-Hadd ta' qabel, persuna kienet offrietlu li tbieghlu xi sigaretti *duty free* u ghalhekk peress li huwa kien *heavy smoker* interessa ruhu li jixtri dawn is-sigaretti sakemm kienu ta' kwalita tajba. Qallu li l-persuna li bieghetlu is-sigaretti qallu li l-inqas li tista tixtri huwa hames master cases li dak iz-zmien kellhom valur ta' LM2,000. Sussegwentement kien mar il-gurnata ta' wara vicin il-klabb ta' Haz Zebbug, hemmhekk kellu jhallas cash u inghata is-sigaretti. Il-bqija qallu li ma kienx jaf lil din il-persuna. L-unika haga li kien jaf kien li kellu vann Transit ta' kulur abjad.

Qallu li Mallia kien jahdem bhala clerk mal-kuntratturi Philip Agius * Sons. Sussegwentement qallu li peress li ma kellux bzonn li jzomm ghandu hames kaxxi tas-sigaretti iltaqa' ma Cremona li kien jafu ghax ghandu bar speci ta' snack bar gewwa l-Belt u kien talbu jghinu igorr dawn il-kaxxi, u sussegwentement kienu marru il-pulizija tad-drug squad u qabdu lil dawn il-persuni. L-apperllant min naha tieghu spjegalhom il-versjoni ta' Mallia qalilhom li kien qed ighin lil habib tieghu igorr dawn is-sigaretti. Dawn is-sigaretti ma kienux tieghu u skond dak li qallu s-sur Cremona kien biss qed ighin lill-hbieb tieghu igorr dawn is-sigaretti. Huwa gharaf lill-appellant prezenti fl-awla.

Qal li huwa kien staqsa lill-appellant u dan kien qallu li Mallia kien talbu sabiex ighinu igorrhom. Is-sigaretti kienu jinsabu f'*mastercase* wahda u din kienet fil-karozza tat-tip Volkswagen Golf bin-numru ta-registrazzjoni KAE 203 u li din kienet tghajjat lil Anton Mallia waqt li l-erbgha *master cases* l-ohra kienu instabu ghand l-appellant fil-vettura tal-ghamla Peugeot 405 numru ta' registrazzjoni CIG 004. Minn hemmhekk ghaddew ir-rapport taghhom u kienet inharget *letter to prosecute*. Huwa pprezenta stqarrija li giet markata bhala dok IJA1 datata 30 ta' Jannar 2008 u din giet rilaxxjata wara li l-appellant kien inghata it-twissija skond il-ligi ta' dak iz-zmien. Huwa kien irrilaxja xi ricevuti li kien hemm mas-sigaretti kif ukoll ghall-vetturi u kemm is-sigaretti kif ukoll il-vetturi ghaddew ghand id-Dwana. L-ircevuta ghall-vettura Peugeot 405 proprjet tal-appellant gie markata bhala dok IAJ4. Ipprezenta ukoll l-ircevuta li kien hareg ghas-sigaretti li kien gabar minghand l-appellant li hija markata bhala dok IAJ6. Id-dok IAJ7 tikkonsisti minn ricevuta mahruga mid-Dwana talli irceviet is-sigaretti kollha (hames master cases) u z-zewg vetturi minghand il-pulizija.

**Paul Dimech** xehed nhar l-5 ta' Lulju 2014 u pprezenta *letter to prosecute* fil-konfront tal-appellant u zewg *seizure notes* fir-rigward tal-erbgha *mastercases* tas-sigaretti u tal-vettura Peugeot 405 proprjeta tal-appellanti.

**Paul Scicluna** xehed nhar l-5 ta' Lulju, 2014 u esebixxa *letter to prosecute* fil-konfront tal-appellant u dan f'isem il-Kummissarju tal-VAT u gharaf il-firma tieghu fuq tali dokument.

**Carmel Sammut** xehed nhar il-5 ta' Lulju 2014 fil-kapacita tieghu ta' fizzjal fid-Dwana, fl-ufficcju tal-Valuation. Qal li huwa vvaluta l-erbgha kaxxi Rothmans Blue Cigarettes tal-appellant li gharaf prezenti fl-awla. Dawn kellhom valur ta' €913.20. Qal li ra ukoll vettura tal-ghamla Peugeot 405 numru ta' registrazzjoni CIG 004 u l-valur taghha hu ta' €4,100 u d-dokument gie markat bhala dok CS. Mistoqsi jekk is-

sigaretti kienux *counterfeit* jew legitimi jghid li ma jafx u informazzjoni dwar dan ma kellux Huwa ghamel *valuation* fuq dak li kien ra. Fil-fehma tieghu kienu tajbin. Dak hu l-valur taghhom qabel ma jithallas id-dazju Jghid li dak hu l-valur tad-dazju u mhux tas-sigaretti Huwa qal li hareg l-valur billi hares lejn id-*database* fuq il-kompjuter u kkombacja dak l-valur tas-sigaretti li ra fuq dak li irrizultalu mill-kompjuter. Qal li hu mhux responsabbli ghal valuations hemm *section* ohra dik tal-*valuations*.

**John Azzopardi** xehed nhar il-5 ta' Lulju 2014 u stqarr li fis-sena 2008 kien jahdem fl-*enforcement* tad-Dwana. Jghid li huwa jgharaf lill-appellant prezenti fl-awla. Jispjega li fit-30 ta' Jannar, 2008 gie inkarigat mis-superjuri tieghu biex jitla id-Depot u jiehu mieghu xi nies sabiex jiehu over minghand l-ispettur Ian Abdilla u jiehu zewg karozzi u hames kaxxi sigaretti li gew intercettati mill-pulizija u konfiskati. Dawn gew mehuda id-Dwana u impoggija *f'safe custody*. Muri id-dokument IJA 8 igharaf il-firma tieghu fuqha li kien ha over l-oggetti hemm indikati minghand il-pulizija. Jghid li ma kienx hu li investiga lill-imputat illum appellant Qal li una volta hadu dawn is-sigaretti minghand l-appellant poggewhom fil-*vaults* tad-Dwana Fil-bar ma dahalx u tfitxija hemm ghalhekk ma ghamilx.

**Brian Grima** xehed nhar l-5 ta' Lulju 2012 fil-kapacita tieghu ta' Senior Customs Assistant. Mistoqsi jekk jgharafx lill-appellant jghid li jgharfu fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz. Spjega li nhar it-30 ta' Jannar, 2009 kienu gew mghajta id-Depot fejn huwa assista lis s-senior tieghu certu sur Azzopardi u xoghlu kien li jsuq il-vettura tal-ghamla Peugeot numru ta' registrazzjoni CIG 004 fejn hadha taht il-kustodja taghhom.

**PS 1086 Johann Micallef** xehed nhar id-9 ta' Ottubru 2014 u spjega li huwa flimkien ma zewg membri ohra tad-Drug Squad WPC 127 u PC 1213 kienu waqfu lill-appellant flimkien ma terz. Jghid li kienu ipparkjati wara xulxin u kienu qed ighaddu minn karozza ghall-ohra kaxxi li kienu jidhru li fihom sigaretti. Dan kollu sehh fejn it-Telgha tal-Kurcifiss il-Furjana L-appellant gie arrestat. Qal li fil-karozza ta' Cremona kien hemm erba' kaxxi u kienu fuq is-seat ta' wara.

**PC 1213 Carlos Axisa** xehed nhar il-5 ta' Marzu 2015 u stqarr li fit-30 ta' Jannar 2008 kien ghaddej patrol fl-inhawi tal-Belt lejn it-Tegha tal-Kurcifiss. Flimkien mieghu kien hemm WPC 127 u PS 1086. Qa li ra zewg vetturi suspettuzi jiffolowjaw lil xulxin u dawn dahla taht it-Telgha tal-Kurcifiss. Marru fuqhom biex jaraw x'kienu qed jghamlu u raw li kienu qed imexxu hames kaxxi (*master cases*) sigaretti minn karozza ghall-ohra Qal li is-sigaretti kienu tal-ghamla Rothmans u kkonfemra li wahda minn dawn iz-zewg vettturi kienet tal-ghamla Peugeot 405. Minn hemmhekk gie arrestat u gie infurmat id-duty officer tal-Economic Crimes s-sur Ian Abdilla.

**WPS 127 Carmen Gauci** xehdet nhar il-5 ta' Marzu 2015 ikkonfermat dak li qal PC 1213 salv li zidet tghid li is-sigaretti kienu minghajr dazzju. Mistoqsija jekk tgharafx lill-akkuzat illum appellant tghid li ma tgharfux. Qalet li il-prime note li hadet dak in-nhar kienet tilfithom.

**Stephen Cachia** xehed nhar id-9 ta' Ottubru, 2014 in rappresentanza ta' Transport Malta u kkonferma li l-vettura tal-ghalma Peugeot 405 numru ta' registrazzjoni CIG 004 tappartjeni lill-appellant u ilha hekk registrata fuq ismu sa mit-8 ta' April 2005 kif jirrizulta mid-dokumentazjoni minnu prezentata u markata bhala Dok SC1.

**Spettur Jean Farrugia** xehed nhar il-5 ta' Marzu, 2015 qal li kien xhud ta' l-istqarrija mehuda mill-allura spettur Ian Abdilla. Muri l-istqarrija esebita fl-atti u markata bhala dok IAJ a dol. 22 jgharaf il-firma tieghu. Qalet li l-akkuzat kien ghazel li ma jiffirmahiex.

Rat il-verbal tal-Qorti datat 29 ta' Ottubru, 2015 fejn iddikajrat il-provi tal-prosekuzzjoni maghluqa u l-kawza giet differita ghall-provi tad-difiza.

L-**appellant Joseph Roy Cremona** xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar l-24 ta' Novembru 2016 u jghid li f'Jannar 2008 kien *self employed* u kellu *snack bar* ix-Xatt tal-Belt quddien id-Dwana. Qal li dakinhar tat-30 ta' Jannar, 2008 kien qed ighin habib tieghu li kien ukoll klijent tieghu certu Anton izda kuljomu ma ftakrux jaqleb il-kaxxi tas-sigaretti mill-karozza tieghu ghal go tieghu u tdan that it-Telghat tal-Kurcifiss. Dak il-hin marret fuqha karozza tal-pulizija u staqsewhom jekk kellhomx drogi u qallhom li drogi ma kellhomx

Mistoqsi ghaliex qal li kien qed ighin lil sihbu Anton. Jghid li l-hinijiet tax-xoghol tieghu kienu mit-Tnejn sas Sibt u jghalaq fl-16.00 p.m. Anton kien ghadda hdejh jiehu belgha te ghall-habta tal-16.00 p.m u qallu li kellu xi hames kaxxi sigaretti fuqu u ried imur johodhom id-dar izda kellu xi qadja ohra il-Belt u kellu bzonn xi spazju. Kien staqsih jekk setghax jghinu ihotthom u itih daqqa t'id u igorr dawn il-kaxxi u huwa qallu li ma kellux problema itih daqqa t'id ghaliex kien tielgha lejn haz-Zebbug jghamel qadja tieghu personali. Mistoqsi jekk kienx ra dawn is-sigaretti ighid li rahom meta kien qed jaqlihom minn vettura ghall-ohra. Kienu go boroz suwed u kienu go kaxxi tar Rothmans. Jghid li imbaghad gew il-pulizija u harguhom mill-boroz.

Mistoqsi jekk dan nton semmilux xi kutrabandu jghid li le fl-ebda hin u li f'dettal ma dahlux. Jghid li ma kellux xejn x'jaqsam maghhom Qal li huw kien ghabbihom fil-vettura tieghu kien ser isuq wara dan Anton ghax ma jafx fejn kien joqghod Mistoqsi jekk jiftakarx dak li kien qal fl-istqarrija li kien irrilaxja disgha snin qabel jghid li *jaf pressa u poco.* Qal li m akien ser jixtrihom hu izda kien qed ighin habib. Dak li qal fl-istqarrija huqqa dak li qal viva voce il-Qorti. Jghidli hu qal ma kellu l-ebda idea li dawn kienu jew setghu kienu kuntrabandu.

Mistoqsi ghaliex kienu marru hdejn it-Telgha tal-Kurcifiss jghid li l-vettura ta' Anton kienet hemmhekk. Qal ukoll li hdjen id-Dwana hemm problema kbira ta' parking. Qal li l-vettura tieghu kienet quddiem il-hanut tieghu hdejn id-Dwana u ghalhekk

saq lejn it-Telgha tal-Kurcifiss. Mistoqsi jekk rax xi pakketti sfuzi jghid li ma rax, ra bis shames kaxxi li kienu go boroz tal-plastic.

Huwa kkonferma l-istqarrija li kien irrilaxja lill-pulizija *a tempo vergine* tal-investigazjoni.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Amgistrati nhar l-1 ta' Frar 2017 esebita fl-atti a fol. 112.

Rat illi l-Avukat Generali kien interpona umli appell minn din l-istess sentenza nhar is-27 ta' Frar, 2017 fejn stqarr li s-sentenza kienet nulla ghaliex id-dettami tal-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma gewx segwiti u in oltre l-multa moghtija ma kienitx fil-parametri tal-ligi.

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-30 ta' Lulju, 2017 fejn din il-Qorti laqghet l-aggravju tal-Avukat Generali u baghtet lura l-atti tal-kawza lil Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex il-qorti tgharbel il-provi b'referenza ghal kaz tal-appellat u tiddecidi fil-mertu skond il-ligi.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-20 ta' Frar, 2023 fejn sabet lill-appellant hati tal-akkzua kif addebitata fil-konfront tieghu fejn apparti l-piena imposta ordnat il-konfiska tas-sigaretti indikati fin-nota ta' Qbid 191/2008 u tal-vettura CIG- 004 tal-ghamla Peugeot 405 esebita u indikata fin-nota tal-Qbid 192/2008.

Rat ir-rikors tal-Appell tal-appellant prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-2 ta' Marzu, 2023 fejn talabha tirrevokaha s-sentenza moghtija u tilliberah minn kul imputazzjoni u piena.

**Ikkunsidrat,**

Il-Qorti tirrileva, kif del resto gie deciz fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija v Paul Farrugia**[3], li:

> "*Hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reati u dan permezz ta' provi jew diretti jew indizzjarji u sal-grad tal-konvinciment morali tal-gudikant.*"

Illi kif gie enuncjat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Zampa et**[4], li:

> "*Kif hu ben saput, sabiex persuna tinsab hatja ta' reat, il-Prosekuzzjoni ghandha l-oneru li tipprova l-kaz taghha minghajr dubju dettat mir-raguni, dubji ohra li ma jhallux lill-gudikant ikollu dak il-konvinciment morali dwar ir-responsabbilita kriminali tal-persuna akkuzata. Dubju li minhabba fih, min ghandu jiddeciedi, ma jistax jiddeciedi, la naha u lanqas ohra. Huwa l-akkuzat li bil-ligi m'ghandu ghalfejn jipprova xejn, imsahhah bil-presunzjoni tal-innocenza, li jista' jasal sal-grad tal-probabbli.*"

Illi l-ligi taghna timponi fuq il-Prosekuzzjoni l-obbligu li tipproduci l-aqwa prova biex b'hekk il-gudikant ikun jista' jasal sal-konkluzzjoni oltre d-dubju ragjonevoli [Vide **Il-Pulizija v Paul Bonello**[5], **Il-Pulziija v Joseph Chetcuti**[6] u l**-Pulizija v Emanuel Galea**[7].]

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Marzu, 2000.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Lulju 1998.
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' April 1986.
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Settembru 1987.
[7]Deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Gunju 1988.

Fil-process kriminali kemm il-Prosekuzzjoni kif wkoll l-akkuzat ghandhom mhux biss id-dritt li jgibu provi, izda li jirregolaw huma xi provi jgibu. S'intendi, jridu jigu osservati r-regoli ta' procedura relattivi ghal produzzjoni tal-provi. Fost dawn jinkombi fuq min igib prova li dik il-prova tkun l-ahjar prova. Infatti, l-**Artikolu 634(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta** jistabbilixxi li bhala regola, ghandu jitqies li tingieb l-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti u li ma jithalla barra ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti.

Illi f'din il-kawza mhuwiex veru kif deciz mill-Qorti li l-avukat difensur ibbaza id-difiza tieghu fuq il-fatt li ma hemmx prova li is-sigaretti li gew maqbuda verament kienu sigaretti. Tant hu hekk li kemm fl-istqarrija tiegh ukif ukoll meta xehed viva voce il-Qorti l-appellant irrefera ghall-oggeti maqbuda bhala sigaretti. Fil-fatt fir-rikros tal-appell l-appellant jghid li la darba id-Direttur Generali (Dwana) ghazel li jitlob li jittiehdu procedure kontra persuna allura hija dik il-persuna li ghandha l-oneru li tipprova l-innocenza taghha.

Fl-ebda stadju ma id-difiza ikkontestat dan minkejja li l-Ewwel Qorti indirizzat tali aggravju fis-sentenza taghha. Id-difiza f'din il-kawz *in primis* sostniet li l-prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova li s-sigaretti kienu zdazjati

L-appellant gie akkuzat bir-rat kif disposta **fl-artikolu 77 tal-Kapitolu 37** tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-Qorti tissottometti li l-oneru tal-prova li d-dazju gie imhallas jaqa' fuq l-imputati. Dan l-artikolu jaqra:

> '*Jekk meta jiġu mitluba lura oġġetti, maqbuda minħabba nuqqas ta' ħlas ta' dazju, jew għal raġuni oħra li ġġib magħha l-konfiska, inkella fi proċedimenti għall-ġbir ta' xi piena ta' flus jew xort'oħra skont din l-Ordinanza tinqala' kwistjoni dwar jekk id-dazju li jmiss fuq dawk l-oġġetti kienx ġie mħallas, jew jekk dawk l-oġġetti kienux ġew importati jew trasburdati jew żbarkati skont il-liġi, jew dwar il-lok minn fejn kienu ġew dawk l-oġġetti, f'kull wieħed minn dawn il-każijiet il-prova*

*tiegħu tmiss lill-persuna li tagħmel dik it-talba jew lill-imputat li kontra tiegħu jsir dak il-proċediment, skont il-każ.'* (Emfazi mizjuda)

Illi l-Qorti sejra tibda billi taghmel referenza ghal gurisprudenza li trattat fost suggetti ohra, il-kwistjoni tal-*oneru* tal-prova fl-ambitu tal-**artikolu 77 tal-Kapitolu 37** tal-Ligijiet ta' Malta. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Carmelo Magri) vs Raymond Camilleri**[8] gie kkunsidrat li:

*'Fit-tielet lok l-imputat gie akkuzat talli fuq talba tal-Kontollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal- VAT talli fit-23 ta' Settembru 2004 u/jew f'xi data qabel f'dawn il-gzejjer xjentement laqa' ghandu numru t'oggetti kif deskritti fl-akkuza migjuba mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dak li l-avukat difensur ta' l-imputat sostna u cioe' li jispetta lill- Prosekuzzjoni tipprova li l-oggetti kienu gew impurtati Malta u d-dazju ma giex imhallas fuqhom.*

*Bir-rispett kollu, il-Qorti ma taqbilx ma' din il-linja difensjonali ghaliex, skond l-Artikolu 77 tal-Kap 37 u cioe' l-Ordinanza tad-Dwana, il-legislatur ried li l-oneru tal-prova li, kuntrarjament ghal dak li jigri fil-maggor parti tal-kawza penali, jaqa' fuq l-imputat. Dan l-artikolu jipprova tlett cirkostanzi kuntrarjament ghal dak li tipprovdi l-legislazzjoni Ingliza, huwa l-imputat li jrid jipprova:*

*a. li d-dazju tad-Dwana gie mhallas fuq l-oggetti maqbuda;*

*b. li l-oggetti maqbuda gew impurtati jew trasportati legalment;*

*c. jipprova l-post minn fejn originaw l-oggetti.*

*u ghalhekk f' dawn it-tlett kazi biss l-oneru tal-prova gie spustjat minn fuq il-Prosekuzzjoni ghal fuq l-imputat.*

[8] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-27 ta' Gunju, 2014

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija versus Victor Calleja**[9], il-Qorti kkunsidrat li:

> '*Fil-kawża Pulizija vs Mario Scicluna deċiża fis-7 ta' Marzu, 1985 il-Qorti ta' l-Appell kkonfermat il-prinċipju li a tenur ta' l-artikolu 77 tal-Kap. 37, meta fi proċediment taħt dak il-kap tinqala' kwistjoni dwar jekk id-dazju fuq oġġetti partikolari kienx ġie mħallas jew dwar minn fejn jew kif dawn l-oġġetti ġew akkwistati, il-prova ta' dan taqa' fuq l-imputat;*
>
> *In sostenn ta' tali prinċipju, il-Qorti ċċitat sentenzi oħrajn u kompliet iżżid hekk: "kull prova ghalhekk li l-Prosekuzzjoni trid tagħmel hi inskritta minn dan l-artikolu u permezz tiegħu jidher ċar li l-prova li prosekuzzjoni trid tagħmel hi li ma jirrżultalhiex li tħallas id-dazju. Minn hemm 'il quddiem l-oneru tal-prova hu mixħut fuq l-imputat";*
>
> *Dan mela għar-rigward ta' l-artikolu 77 tal-Kap.37;'*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet '**IL-Pulizija (Spettur K. Elul Bonici) (Spettur Michael Cassar) Vs Sydney Ellul Sullivan**[10]' kienet laqghet l-appell tal-Avukat Generali wara li fost numru ta' kunsiderazzjonijiet ikkunsidrat li:

***'Piz tal-prova. Art 77 Kap 37.***

*L-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-artikolu 77 tal-Kap 37 ta' l-Ordinanza tad-Dwana li jitkellem dwar il- piz tal-prova f'kaz ta' kuntrabandu. L-appellant qed jissottometti li legalment l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha minhabba dak li jiddisponi l-artikolu 77 ta` l-Ordinanza tad-Dwana. Illi, a tenur ta` dan l-artikolu, eta fi procediment taht l-Ordinanza tad-Dwana tinqala kwistjoni dwar jekk id-dazju fuq oggett partikolari kienx gie mhallas, il-prova ta` dan taqa' fuq l-imputat. Il-prova li l-prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju. Minn hemm 'l quddiem l-oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat. Skond l-appellant mill mument li l-prosekuzzjoni taghmel tali prova, ikun jispetta lill-imputat li jaghmel l-prova, imqar*

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Awissu, 1990
[10]Deciza fil-15 ta' Lulju, 2004 (Appell Kriminali Numru: 127/2002/1)

*fuq bazi ta` probabilta', li d-dazju kien thallas regolarment. Skond l-appellant minn imkien mill-atti processwali ma jirrizulta li saret din il-prova mill appellat. Infatti jekk wiehed jara s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, wiehed jinduna li dan l-artikolu gie njorat ghal kollox u lanqas biss jissemma fissentenza u l-Qorti lliberat lill-appellat proprju minhabba l-fatt li, skond hi, l-prosekuzzjoni ma lahqietx il-grad ta' prova rikjest fil-kamp penali. L-appellant jirritjeni li f'dan il- kaz ilprosekuzzjoni marret hafna oltre dak li legalment kien mistenni minnha u ppruvat*

*effettivament li d-dazju ma kienx thallas. Ghalhekk biss, minghajr pregudizzju ghall- aggravji li jissemmew iktar `l quddiem, l-appellant isostni li l-Ewwel Qorti kellha ssib htija fl-imputat appellat.*

*L-appellat isostni invece li quddiem l-Ewwel Qorti fis- sottomissjonijiet finali taghha bilmiktub, il-prosekuzzjoni ma ghamlet ebda accent ghall artikolu 77 tal-Ligi tad- Dwana u ghalhekk mhux sew illi l-ewwel il-prosekuzzjoni ma taghmilx certa sottomissjoni quddiem lEwwel Qorti imbaghad tistenna li meta jsir l-appell taghmel dawn is- sottomissjonijet u tikritika lil l-Ewwel Qorti ghax ma hadithomx in konsiderazzjoni.*

> *Illi jirrizulta li effettivament dan l-artikolu gie njorat ghal kollox mill l-ewwel l-Qorti, izda l-piz tal-prova kellha tkun konsiderazzjoni ewlenija li l-Ewwel Qorti kellha taghmel bhala punt ta' ligi.*
>
> *Dan l-artikolu jipprovvdi li:*
>
> *If, in any claim in respect of any goods seized for non- payment of duties, or any other cause of forfeiture,or in any prosecution for the recovery of any pecuniary penalty or otherwise under this Ordinance, any dispute arised whether the duties of customs have been paid in respect of such goods, or whether the same have been lawfully imported or lawfully transhipped or unshipped, or concerning the place from where such goods were brought, then and in every such case the proof thereof shall be on the person making such claim or on the defendant in such prosecution, as the case may be.*

*"Fil-kawza Pulizija vs. Mario Scicluna deciza fis-7 ta' Marzu, 1985 , il-Qorti tal-Appell ikkonfermat il-principju li a tenur tal-Artikolu 77 tal-Kap.37 , meta fi procediment taht dak il-Kap tinqala kwistjoni dwar jekk id-dazju fuq oggetti partikolari kienx gie imhallas jew dwar minn fejn jew kif dawn l-oggetti gew akkwistati , l-prova ta' dan taqa' fuq l-imputat ." Il-prova li l-prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju . Minn hemm il-quddiem l- oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat."*

*Jekk l-imputat isostni li d-dazju thallas, dan irid jipprovah hu. Dan japplika f'kull kaz, anke fejn il-ligi tirrikjedi x- xjenza. Hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova x- xjenza f'dawn il-kazijiet, izda jekk l-imputat jixtieq jallega xi difiza taht l-artikolu 77, il-prova jrid jforniha hu.*

*L-import ta' l-artikolu 77 gie ukoll trattat fl-appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Joseph Said** [11]"Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Andrew Zammit et** [12]u fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Joseph Grech Sant**[13] fejn ukoll gie ribadit il-principju li jekk tinqala kwistjoni dwar jekk oggetti kienx thallas id-dazju fuqhom jew kienux importati skond il-ligi, l- prova relattiva tmiss lill-imputat. (Ara ukoll f'dan is-sens A.K. **Pul vs Scire'**[14]; A.K. **Pul vs A. Mifsud**[15] u A.K. Pul vs M.Agius51).*

*Ghalhekk il-Prosekuzzjoni kellha l-ewwel taghmel prova "prima facie", ghal dak li jirrigwarda r-reati taht l-Ordinanza tad-Dwana, li d-dazju ma kienx thallas, imbaghad kien japplika id-dispozittiv taht l-artikolu 77 ta' l-istess Ordinanza li jitfa' l-oneru tal-prova li id-dazju effettivament kien thallas fuq l-appellat.*

---

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Novembru, 1992
[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Lulju, 1998
[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Fra 1994
[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 21 ta' Awissu, 1965
[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' April, 1986

*Prova prima facie mill-prosekuzzjoni li d-dazju ma kienx thallas.*

*Dwar dina l-prova gie anke koncess mill-Ewwel Qorti li tali prova mill-prosekuzzjoni saret, ghalkemm, skond dika l- Qorti, l-prosekuzzjoni ma lahtiqx il-livell ta' prova "beyond a reasonable doubt", li pero ma kienx il-piz li kellha l- prosekuzzjoni fuqha. Il-Qorti qalet hekk:*

*"Madanakollu din il-Qorti temmen illi il-prosekuzzjoni lahqet tipprova il-kawza sal-livell probatorju ta' "on a balance of probabilities". Dan qieghed jinghad il-ghaliex apparti ix-xhieda kollha illi gabet il-prosekuzzjoni hemm il- fattur ewlieni bil-prova tar-relazzjoni ta' l-Accountant Raphael Aloisio illi ebda mill-flejjes (u hawnhekk qed nitkellmu il-fuq minn mitt elf lira maltin) ma jidhru fl- accounting ledgers tal-kumpanija Eloise, bhala flejjes illi gew sbursjati fuq id-Dwana ta' Malta, mentri entries ta' importanza minima gew imnizzla sodisfacentement".*

*L-appellant gustament osserva li:*

*"meta zewg versjonijiet ikunu diametrikament opposti ghal xulxin, dawn qatt ma jistghu jkunu t-tnejn probabbli. Dawn jistghu jkunu jew it-tnejn possibbli, jew versjoni wahda tkun possibbli izda l-ohra tkun aktar probabbli izda zewg versjonijiet konfliggenti qatt ma jistghu jkunu t-tnejn probabbli. Ghalhekk jekk l-Ewwel Qorti kkoncediet li l-prosekuzzjoni lahqet tipprova l-kawza sal-livell probatorju cjoe "on a balance of probabilities", dana iffisser li tacitament il-Qorti qed tghid li l-imputat ma lahaqx l-istess grad ta` prova kif rikjest minnu skond l-artikolu 77 tal-Kap. 37".*

*Il-Prosekuzzjoni gabet prova li d-dazju in kwistjoni ma thallasx. L-espert nominat minn dina l-Qorti xehed li ebda wiehed mill-ammonti tal-payment receipts ittimbrati fuq id dokumenti XV1 (cioe tad-ditta Eloise Ltd) ma gie entrat fil- cash books, la fid-data tat-timbru u anqas f'xi data ohra. B'kuntrast ghall dana, hu rrinttracca l-hlas indikat skond it- timbri fuq id-dokumenti fil-files Vol XV11 fil-cash books tad-Dipartiment tad-Dwana. Fl-appendix B ghall kull dokument li ghamel riferenza hu sab dawn l-entries fil- cash books.*

*L-espert ikkonkluda li mill-ezercizzju li ghamel, il-hlas ta' LM 106.706.11 indikat li sar midditta Eloise Ltd, skond it- timbri fuq id-dokumenti fil-files XV1 u elenkati fl-Appendix A in effett skond il-cash books tad-Dipartiment tad-Dwana ma sarux, mentri skond it-timbri fuq id-dokumenti fil-files XV11 u elenkati f'Appendix B saru u gew entrati fil-cash books tad-Dipartiment tad-Dwana.*'

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) vs. Vincent Xuereb Noel Vella**'[16]: 'Principlament l-imputati gew akkuzati talli kellhom xjentement fil- pussess taghhom sigaretti li d-dazju fuqhom ma kienx thallas. F'dawn it-tipi ta' kawzi l-Prosekuzzjoni ma trid tipprova xejn salv li l-imputati zammew ghandhom dawn is-sigaretti meta kienu jafu li l-VAT u dazju fuqhom ma kienx thallas.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija v Victor Calleja**[17], intqal li:

"*Kull prova ghalhekk li l-Prosekuzzjoni trid taghmel hi nskritta minn dan l- artikolu u permezz tieghu jdiher car li l-prova li l-Prosekuzzjoni*

[16] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-21 ta' Marzu, 2018 (Kaz numru: 21/2013

[17] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 t'Awwissu 1990

*trid taghmel hi li ma jirrizultalhiex li thallas d-dazju. Minn hemm 'l quddiem, l- oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat."*[18]

Fis-sentenza wkoll moghtija mill-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija v George Bellizzi**[19], gie ritenut li:

*"Il-Prosekuzzjoni m'ghandhiex bzonn tipprova li d-dazju fuq is-sigaretti ma kienx thallas, izda ghal kuntrarju, in vista tal-artikolu citat tal-Kap 60 [illum 37] kien imiss lill-imputat jipprova li d-dazju relattiv kien thallas jew li kellu raguni valida jahseb li kien thallas jew inkella b'xi mod kawtelat."*

Illi Fl-istess sentenza gie kkunsidrat li:

'Illi l-pozizzjoni legali tal-import tal-artikolu 77 tal-Kap. 37 in relazzjoni mal-artikoli 60 u 62 tal-istess Ordinanza tad-Dwana giet trattata "funditus" f'numru ta' sentenzi tal-Qrati taghna u l-gurisprudenza in subiecta materia giet ri-epilogata fis-sentenza ta' din l-Qorti fl-Appell Kriminali : **Il-Pulizija vs. Andrew Ellul Sullivan et**.[20]. Hemm kienet saret riferenza ghas-sentenza ta' din il- Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Victor Calleja**[21] li, a sua volta, kienet ghamlet referenza ghal sentenza ohra moghtija fl-Appell Kriminali fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Anthony Mifsud u George Grima** [22]" u qalet:-

*"Fil-kaz kontra Anthony Mifsud et. l-akkuzi kienu wkoll taht dawn l-artikoli. Il-Qorti tal-Appell deherilha li kellha taghmel distinzjoni bejn*

---

[18] Ara wkoll Il-Pulizija v J.M. Deguara deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' Settembru 1990

[19] Deciz Qorti milltal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' April 1971

[20] Deciz Qorti mill- Qorti tal-Appell Kriminali nhar fl-20 ta' Marzu, 2003

[21] Deciz Qorti mill- Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Awissu, 1990

[22] Deciz Qorti mill- Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Gunju, 1989

*il- pozizzjoni legali taht l-artikolu 77 u dik taht l-artikoli l-ohra u din il-Qorti taqbel ma u taghmel taghha tali argumenti in relazzjoni ghal tali distinzjoni."*

*"Fid-dawl ta' dak li fuq inghad, din il-Qorti jidhrilha li l-pozizzjoni legali tista' tigi enuncjata hekk:-*

*"Kazijiet taht l-artikolu 62 : "*

*"Il-Ligi ma tuzax il-kelma xjentement fil-paragrafi kollha ta' dan l-Artikolu."*

*"Min jimporta oggetti li l-importazzjoni taghhom hi projbita, min jizbarka tali oggetti, min iwarrab oggetti mportati qabel jigu ezaminati mill-ufficjal inkarikat mid-Dwana, huwa awtomatikament passibli minghajr il-htiega tal- prova tax-xjenza."*

*"Hawn il-prosekuzzjoni trid tipprova l-fatti materjali kif jinkwadraw ruhhom taht dawn il-paragrafi."*

*"M'hemm bzonn lanqas li fil-kazijiet specifici l-imputat kien jaf li l-importazzjoni kienet projbita. Gie deciz li din hija kwistjoni ta' ligi u mhux ta' fatt. Ara f'dan ir-rigward is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza* ***Pulizija vs. Raymond Debono*** [23]*."*

*"Ghall-kuntrarju jekk l-imputat jallega li l-importazzjoni kienet legali, a tenur tal-Artikolu 77, irid jaghmel il-prova hu."*

---

[23] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fit-28 ta' Lulju, 1988

*"Paragrafi ohra pero', jirrikjedu ix-xjenza. Dawn huma s-subincizi (e) sa (i) tal-istess artikolu 62."*

*"Taht il-paragrafu (f) per ezempju, il-prosekuzzjoni trid tipprova li l-imputat agixxa xjentement biex*

*a) laqa' etc. ghandu l-oggetti in kwistjoni,*
*b) li tali oggetti ghandhom l-importazzjoni projbita jew limitata,*
*c) jew tali oggetti kienu zdazjati,*
*d) jew li tali oggetti kienu gew imwarrba minghajr hlas ta' dazju mill- postijiet imsemmija fl-istess subinciz."*

*Kif qalet il-Qorti fil-kawza kontra Mifsud, jekk il-prosekuzzjoni tipprova li l-appellant zamm ghandu jew laqa' ghandu oggetti li fuqhom ma thallasx dazju b'daqshekk ma tkunx issodisfat il-vot tal-ligi billi tkun trid tipprova wkoll li l-imputat agixxa xjentement, altrimenti l-kelma xjentement tkun qeghda fil-ligi ghalxejn."*

*"Il-prova tax-xjenza naturalment twassal sal-grad li l-appellant kien jaf jew ma setax ma kienx jaf, li l-oggetti li nstabu ghandu kienu ta' natura ta' dawk imsemmija fil-paragrafi rilevanti tal-Kap. 37 "*

*"Taht l-Artikolu 77 ."*

*Dan japplika, kif juri l-istess Artikolu, meta tinqala kwistjoni dwar jekk id-dazju dovut kienx gie mhallas, jew li l-oggetti gew zbarkati skond il-ligi, ecc. "*

*"Fi kliem iehor, fil-fehma tal-Qorti dan l-Artikolu jidhol in effett u jaltera l-piz tal-prova, meta l-imputat jinvoka tali fatti ."*

*"jekk l-imputat isostni li d-dazju thallas, jipprova hu."*

*"Dan japplika f'kull kaz, anki fejn il-ligi tirrikjedi x-xjenza. Hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova x-xjenza f'dawn il-kazijiet, imma jekk l-appellant jixtieq jallega xi difiza taht l-Artikolu 77, il-prova jrid iforniha hu. U kien proprju dan li gie deciz fil-kaz ta' Mario Scicluna."*

*u f'parti ohra tal-istess sentenza appena citata, il-Qorti affermat li:-*

*"Fil-kawza Pulizija vs. Mario Scicluna deciza fis-7 ta' Marzu, 1985, il- Qorti tal-Appell ikkonfermat il-principju li a tenur tal-Artikolu 77 tal-Kap. 37, meta fi procediment taht dak il-Kap tinqala kwistjoni dwar jekk id-dazju fuq oggetti partikolari kienx gie imhallas jew dwar minn fejn jew kif dawn l-oggetti gew akkwistati, l-prova ta' dan taqa' fuq l-imputat."*

*"In sostenn ta' tali principju, l-Qorti ccitat sentenzi ohrajn u kompliet izzid hekk: "kull prova ghalhekk li l-Prosekuzzjoni trid taghmel hi nskritta minn dan l-artikolu u permezz tieghu jidher car li l-prova li l-prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju. Minn hemm il-quddiem l-oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat."*

Imbaghad fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. John Mary Deguara**[24] gie deciz li;

*"Hu l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova x-xjenza." u ".....huwa zbaljat li wiehed japplika l-principji tal-Artikolu 77 tal-Kap. 37 meta l-appellant ma tax l-eccezzjonijiet rizultanti that tali artikoli.."*

Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Azzopardi**[25] , fejn id-difiza ssollevat in-nuqqas ta' xjenza u ta' mens rea tal-imputat fil-partecipazzjoni tieghu fir-reat lilu addebitat gie ritenut li :-

*"Jigi osservat immedjetament rigward dan il-punt li huwa strettament ta' natura legali, illi f'kazijiet precedenti fejn l-istess punt inqala' u gie deciz, il- pozizzjoni illi hadet din il-Qorti kienet fis-sens li dak illi kien gie deciz mill- Imhallef Harding, President ta' din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1945 in re. "**Il-Pulizija vs. Anthony Preca**", fejn, ghall-fini tal-ispostament tal-oneru tal-prova minn fuq il-Prosekuzzjoni ghall-fuq l-imputat, kienet saret distinzjoni importanti bejn il-kaz fejn l-imputat ikun l-importatur u l-kaz l- iehor fejn l-imputat ma jkunx il-komplici tieghu imma jkun assista fl-iskarikar tal-merkanzija. F'dik is-sentenza, li giet imbaghad sussegwentement segwita b'diversi sentenzi*

[24] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-7 ta' Settembru, 1990
[25] Deciza mill-Qorti tal-=Appelli Kriminali nhar it-22 ta' Settembru, 1993

*ohra fosthom dik in re "**Il-Pulizija kontra Joseph Farrugia**" deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Jannar, 1991, kien gie deciz li ghalkemm huwa veru li skond il-ligi f'akkuza ta' pussess ta' oggett li dwaru ma jkunx thallas id-dazju, il-prova li d-dazju kien thallas ghandha ssir mill-imputat, cio' nonostante fil-materja ghandha ssir distinzjoni bejn il-kaz fejn l-imputat huwa l-importatur ta' dak l-oggett jew il-komplici tieghu jew l-esekutur immedjat tal-att ta' kuntrabandu u l- kaz li l-imputat ikun haddiehor. F'dan l-ahhar kaz jinhtieg ghall- kontravvenzjoni r-rekwizit tax-xjenza, igifieri li l-imputat kien jaf jew messu ragjonevolment ikun jaf li d-dazju dwar dak l-oggett ma jkunx gie imhallas."*

*u*

*"....ghaldaqstant meta c-cirkostanzi juru li l-imputat kellu ragjonevolment jahseb li d-dazju fuq oggetti minnu possedut ma kienx thallas, kellu r- rekwizit ta' dik ix-xjenza u allura huwa hati tal-kontravvenzjoni lilu addebitata. Diversament huwa ezenti minn kull htija min ma kienx jaf u ma setax ragonevolment ikun jaf li d-dazju ma kienx thallas jew min kien mic-cirkostanzi gustifikat jahseb li id-dazju thallas ........Wiehed pero ' jrid joqghod attent f'sitwazzjoni simili billi ma jispostax l-ordni tal-logika ta' kif ghandhom isiru l-affarijiet u ma jinqabadx f'nasba ta' spostament ta' ragonament pseuodologiku....Skond din il-Qorti l-ordni li ghandu jigi segwit huwa illi ghandu jigi stabilit l-ewwel u qabel kollox, x'tip ta' attivita' kienet qed issir mill-appellant. Ghal dan il-fini, din il-Qorti jidhrilha li originarjament il-prova inizjali illi l-imputat kien jew l-importatur ta' l-oggetti, jew il-komplici ... jew li almenu kellu element ta' konoxxenza ta' dak li kien qieghed isir, tinkombi fuq il-prosekuzzjoni, imbaghad una volta stabilit dan, cioe' li jew kien l-importatur jew kien il-komplici jew li kien fi kwalunkwe kaz jaf x'inhu jigri, l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-imputat fit- termini tal-ligi. Pero' inizjalment kif inghad, il-prova trid issir mill-Prosekuzzjoni. "*

*Illi dan l-insenjament u din id-distinzjoni gew segwiti minn din il- Qorti diversament preseduta fil-kawza "Il-Pulizija vs. Francis Xavier sive*

*Franco Borg"58 fil-kaz ta' pussess ta' oggett li dwaru ma jkunx thallas id-dazju bi ksur tal-paragrafi (g) u (h) tal-Artikolu 62.*

*Dejjem dwar dan l-element tax-xjenza, din il-Qorti esprimiet ruha hekk fl-Appell Kriminali **<u>Il-Pulizija vs. Louis Frendo</u>**[26]:-*

*"...dan ir-rekwizit ifisser li meta wiehed jikkonsidra c-cirkostanzi kollha relattivi u partikolari ghall-kaz, dawn l-istess cirkostanzi ghandhom ikunu bizzejjed fihom infushom biex juru li f'dak il-kaz, il-possessur tal-oggetti in kwistjoni kien jaf, jew messu ragonevolment ikun jaf minn dawk ic-cirkostanzi, li d-dazju/levy fuq dawk l-oggetti ma kienx imhallas. Din hi t-tifsira ta' dan ir- rekwizit tax-xjenza fl-imsemmija artikoli tal-Kap. 37 "*

*u meta dawn ic-cirkostanzi juru bic-car li l-appellant kien jaf li d-dazju/levy ma kienx thallas:-*

*"...hawn jiskatta in operazzjoni l-Artikolu 77 tal-Kap. 37 li jitfa' l- oneru fuq l-appellant biex jipprova li d-dazju/ evy fuq dawk l-oggetti kien thallas. Fil-kaz odjern u f'kazijiet simili, kull ma trid taghmel il-prosekuzzjoni hu li tipprova (a) dawk l-oggetti dahlu Malta, (b) li "prima facie" jidher li id-dazju/levy fuqhom ma kienx thallas, u (c) li dawk l-oggetti kienu fil-pussess u kontroll shih tal-appellant."*

*L-import tal-artikolu 77 gie wkoll trattat fl-appell Kriminali **<u>Il- Pulizija vs. Joseph Said</u>**[27]u fl-Appell Kriminali **<u>Il- Pulizija vs. Joseph Grech Sant</u>**[28] fejn ukoll gie ribadit l- principju li jekk tinqala' kwistjoni dwar jekk oggetti kienx thallas id- dazju fuqhom jew kinux importati skont il-ligi, il-prova relattiva tmiss lill-imputat. Anki fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Andrew Zammit et"62 gie ritenut :-*

*"..hawnhekk il-Prosekuzzjoni m'ghandhiex bzonn tipprova li d-dazju ma thallasx jew li ma giex kawtelat, izda ghal kuntrarju , ......kien imiss lill-appellant jipprova illi d-dazju kien thallas jew li kellu raguni li kien*

[26] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fit-12 ta' Marzu, 1999
[27] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-26 ta' Novembru, 1992
[28] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-4 ta' Frar, 1994

*thallas jew inkella b'xi mod kawtelat. L-oneru tal-prova hawn qieghed fuq l-appellant u hu hawn naqas. Kull ma trid taghmel il-prosekuzzjoni hawnhekk hu li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju. Minn hemm 'l quddiem l-oneru talprova jaqa' fuq l-appellant."*

Illi fl-Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Anthony Callus**[29] gie ritenut li:-

*"Issa fil-waqt li hu minnu li biex jirrizultaw l-.imputazzjonijiet mhux biss irid jigi pruvat il-pussess materjali tal-oggett mhux zdazjat, imma jrid ikun hemm ukoll il-provi tax-xjenza li dak l-oggett ma kienx thallas id-dazju jew it-taxxa tas-sisa fuqu. Pero' dan l-element tax-xjenza, anki jekk jigi michud mill-persuna suspettata, jista' jigi pruvat minn provi indizjarji li jkunu jindikaw li tali xjenza kien hemm jew suppost li kien hemm."*

F'din il-kawza l-appellant ghazel li jirrilaxja stqarrija a tempo vergine tal-investigazzjoni, liema stqarrija tinsab esebita a fol. 32 ta' l-atti markata bhala dok IJA1 u fiha l-appellant jistqarr li huwa jaf li hu illegali li jkollok sigaretti duty free. Illi meta gie mistoqsi dan naturalment kienet inferenza lejn il-fatt li kellu sigaretti *duty free* fil-pussess tieghu. L-appellant ma nnegax li fil-fatt is-sigaretti li kellu fil-pusess tieghu kienu fil-fatt *duty free* u ghalhekk mhux talli ma tressqitx prova li s-sigaretti kienu bla dazju mhallas izda kien jaf li hu reat li jkollok pusess ta' sigaretti dazjati.

Illi fir-rikors tal-appell ma hemm l-ebda agggravju fuq il-piena moghtija mill-Ewwel Qorti u konsegwentament fid-dawl tas-suespost din il-Qorti hija tal-fehma li r-reat in kwistjoni jissussiti u ghalhekk ma thossx li ghandha tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fejn kienet ikkundannat lill-appellant ghal sitt xhur priguneria sospizi ghal sentejn bis-sahha ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. In oltre tikkonferma l-multa inflitta fl-ammont ta' €14,720.40 li terz minnha ossia €4,906.80

[29] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Lulju, 1998

huma pagabbli minnufih bhala dejn civili lid-Direttur Generali (Dwana) u l-bilanc ossia €9,813.60 ghandu jithallas skond il-ligi.

Tordna ukoll il-konfiska skond il-ligi tas-segwenti tas-sigaretti/tabakk esebiti u indikati fin-nota ta' Qbid 121/2008 u tal-vettura CIG 004 tal-ghamla Peugeot 405 esebita u indikata fin-nota ta' Qbid 192/2008.

Il-Qorti spjegat lill-appellant Roy Joseph Cremona fi kliem car u li jinftiehem ir-responsabilitajiet tieghu taht l-Artikoli 28A u 28B tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Adrian Micallef**

**Deputat Registratur**